## Informazzjoni Dettaljata dwar il-Programm ta' Attivitajiet għall-Anzjani fil-Komunità

---

### 09/3/2022 - Nostalġija – Taħdita dwar il-ħajja fl-imgħoddi

**Kelliem:** Max Farrugia

**Post:** Valletta Design Cluster, Triq il-Gendus, Valletta.

**Niltaqgħu:** fid-9.30 am fil-Valletta Design Cluster

**Prezz tal-attività**: Mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni:** Waqt din it-taħdita, se mmorru fuq vjaġġ lura fiż-żmien fejn se nerġgħu niftakru flimkien l-attivitajiet tal-passat fosthom il-logħob antik. Se nitkellmu wkoll dwar dak li jsawwarna bħala Maltin fosthom, il-kultura, il-patrimonju Malti u n-nies li għamlu isem f'pajjiżna.

**Wara t-taħdita se jiġu servuti xi *refreshments***

**Aċċessibilità:** Aċċessibbli għal kulħadd inkluż dawk il-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti.

---

**23/3/2022 - Ħarġa: Malta Aviation Museum**

**Post:** Malta Aviation Museum, Ta' Qali

**Niltaqgħu:** fid-9.30am quddiem id-daħla prinċipali tal-Malta Aviation Museum

**Prezz tal-attività**: Dħul mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni:** Iż-żjara fil-Mużew tal-Avjazzjoni se tkun tikkonsisti fi żjara ggwidata tal-mużew innifsu, li tieħu mhux inqas minn siegħa u nofs. Fil-Mużew tal-Avjazzjoni hemm eżibiti ajruplani oriġinali assoċjati mal-Istorja ta' Malta fosthom il-*Hurricane* u l-i*Spitfire*, kif ukoll mudelli oħra li ntużaw mill-Forzi Armati ta' Malta. Wara ż-żjara fil-Mużew se nżuru t-Trophies Lounge Ta' Qali, minn fejn wieħed jista' jara veduta tal-Istadium Nazzjonali.

**Aċċessibbilità:** Aċċessibbli għal kulħadd inkluż dawk il-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti. Fil-post għandhom ukoll żewġ siġġijiet tar-roti disponibbli għal min ikollu bżonn.

**06/4/2022 - Il-Belt Valletta: Taħdita dwar l-Istorja tal-Belt Kapitali**

**Kelliem:** Mario Coleiro

**Post:** Valletta Design Cluster, Triq il-Gendus Valletta.

**Niltaqgħu:** fid-9.30am ġewwa l-Valletta Design Cluster

**Prezz tal-attività**: Mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni:** Is-Sur Mario Coleiro se jkun qed jitkellem dwar il-Belt Valletta, l-avvenimenti li wasslu għat-twelid ta' din il-belt, u kif inbidlet matul is-snin. Se nagħtu ħarsa wkoll lejn avvenimenti importanti li seħħew fil-Belt Valletta matul dawn l-aħħar 400 sena, kif ukoll nies ta' nota li twieldu hawn.

**Wara t-taħdita se jiġu servuti xi *refreshments***

**Aċċessibilità:** Aċċessibbli għal kulħadd inkluż dawk il-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti.

**20/4/2022 - Żjara fil-Palazz tal-Inkwiżitur**

**Kelliem**: Il-Kuratur tal-Palazz

**Post:** Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu

**Niltaqgħu:** fid-9.30am quddiem id-daħla prinċipali tal-Palazz tal-Inkwiżitur

**Prezz tal-attività**: €5.00 li jinkludi refreshments

**Deskrizzjoni:** Matul din iż-żjara se jkollna introduzzjoni dwar il-Palazz u l-Inkwiżizzjoni. Matul din iż-żjara, se jkun hemm taħdita interessanti dwar is-sengħa tal-bizzilla, grazzi għas-Sinjura Anna Maria Gatt, li hija l-kuratur tat-tessuti u l-kostumi tal-istess palazz.

**Aċċessibiltà:** il-post mhuwiex aċċessibbli għal min juża s-siġġu tar-roti.

**04/5/2022 - Mixja Kulturali u żjara fit-Torri l-Aħmar**

**Gwida:** James Evans

**Post:** Mellieħa

**Niltaqgħu:** fid-9.30am ħdejn it-Torri l-Aħmar

**Prezz tal-attività**: €2.50 għad-dħul fit-Torri l-Aħmar

**Deskrizzjoni:** Din il-mawra se tibda b'mixja ta' madwar erba' kilometri li tgħaddina minn passaġġ qalb is-siġar tal-Foresta 2000 li jinsab inti u tiela' mill-Għadira lejn il-Marfa. Il-mixja se teħodna qalb l-għelieqi maħduma; ma jistgħux jonqsu l-veduti mill-isbaħ tal-baħar u l-irdum tal-park naturali tal-Majjistral. Wara l-mixja nerħulha lejn it-Torri l-Aħmar fejn se nkunu qed inżuru dan is-sit storiku tas-seklu sbatax. Hemmhekk se jkollna *tour* iggwidat tat-Torri, kif ukoll nitilgħu fuq il-bejt biex ingawdu veduta mill-isbaħ ta' Għawdex u Kemmuna u l-bajja pittoreska tal-Mellieħa.

Wara nibqgħu sejrin Selmun Restaurant.

**Aċċessibiltà:** Il-persuni li jipparteċipaw f'din l-attività jrid ikollhom mobbiltà tajba

---

**18/5/2022 - *Golden Oldies*: Il-mużika tas-Sittinijiet**

**Kelliem:** Charles Visanich

**Post:** Valletta Design Cluster, Triq il-Gendus, Valletta.

**Niltaqgħu**: fid-9.30 am fil-Valletta Design Cluster

**Prezz tal-attività**: Mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni**: Ħarsa lura lejn id-dinja mużikali tas-snin tad-deheb, is-snin sittin. Matul il-preżentazzjoni se jingħata tagħrif dwar dan l-aspett importanti tal-kultura popolari ta' dik l-era. Bl-għajnuna tal-awdjo-viżiv, se nkunu nistgħu naraw u nisimgħu l-esponenti prinċipali ta' dawk is-snin, li permezz tagħhom il-mużika tas-sittinijiet daret u ħakmet id-dinja mużikali, fejn ħalliet it-timbru tagħha mhux biss fil-ġenerazzjoni ta' żmienha iżda influwenzat kompożituri, mużiċisti u kantanti oħra li ġew fis-snin ta' wara.

**Wara l-attività se jiġu servuti xi *refreshments***

**Aċċessibilità:** Aċċessibbli għal kulħadd inkluż dawk il-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti.

---

**01/6/2022 - Esplora u Spettaklu live: Wonders of the Night Sky**

**Post:** Esplora Interactive Science Centre, Villa Bighi, Kalkara

**Niltaqgħu:** fid-9.30am quddiem lid-daħla prinċipali tal-Esplora

**Prezz tal-attività**: €7.50 li jinkludi d-dħul u *refreshments*

**Deskrizzjoni:** Mawra li se toħodna l-Esplora, iċ-ċentru tax-xjenza interattiva f'Malta. Matul din iż-żjara se jkollna wkoll spettaklu live ġewwa l-planetarju fejn se mmorru fuq vjaġġ madwar is-sistema solari tagħna. Dan il-vjaġġ se jgħaddina minn ħdejn l-Istazzjon Spazjali Internazzjonali u jibqa' sejjer sakemm iwassalna sal-pjaneti l-oħra. Flimkien se nkunu qed nesploraw il-galassja u l-post tagħna fil-kosmos.

**Aċċessibilità:** Aċċessibbli għal kulħadd inkluż dawk il-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti. Il-Planetarium jakkomoda żewġ siġġijiet tar-roti biss.

---

**15/6/2022 - Taħdita dwar il-Vitikultura**

**Kelliem:** Anton Mangion

**Post:** Valletta Design Cluster, Triq il-Gendus Valletta.

**Niltaqgħu:** fid-9.30 am fil-Valletta Design Cluster

**Prezz tal-attività**: Mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni:** Is-Sur Mangion se jkun qed jagħti ħarsa ġenerali lejn il-punti bażiċi tal-vitikultura u l-kundizzjonijiet li jwasslu għall-ħsad ta' għeneb ta' kwalità. L-ipproċessar tal-inbid se jiġi trattat fid-dettall, b'enfasi fuq il-produzzjoni tal-inbid abjad u aħmar, u l-protokolli tal-produzzjoni tal-inbid.

**Wara l-attività se jiġu servuti xi *refreshments***

**Aċċessibilità:** Aċċessibbli għal kulħadd inkluż dawk il-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti.

Reġistrazzjoni

Biex wieħed jipparteċiepa f'dawn l-attivitajiet irid jimla l-applikazzjoni mis-sit: activeageing.gov.mt jew mill-paġna ta' facebook: Active Ageing and Community Care.

Għal iktar informazzjoni jew assistenza wieħed jista' jċempel fuq: 21650940

*Min għandu bżonn it-tasport, huwa mitlub li jindika dan fl-applikazzjoni